MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-28 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 253/2000/1

**Alexander u Ruth konjuġi Caruana u Ruth Caruana bħala prokuratriċi ta' Alan Caruana u b'nota tat-28 ta' April, 2009 Alan Caruana assuma l-atti f'ismu**

***Versus***

**Daniel Bonnici**

Din il-kawża hija dwar inċident tat-triq li fih korra b'mod gravi l-attur Alan Caruana.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi Alan Caruana kien riekeb bħala *pillion driver* mal-konvenut fuq il-mutur tal-marka *Honda* numru GAO 294 fi Triq Notabile, Ħ'Attard, fit-23 t'Awissu 1998 meta seħħ l-inċident li, igħidu l-atturi, seħħ bi ħtija tal-konvenut waħdu. F'dan l-inċident Alan Caruana korra b'mod gravi u ġarrab debilità fi grad għoli li ma jfieqx minnha.

Il-ġenituri ta' Alan Caruana, l-atturi Alexander u Ruth Caruana, ukoll ġarrbu danni b'konsegwenza tal-inċident.

Billi l-konvenut ma għamilx tajjeb għad-danni, l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenut waħdu jaħti għall-inċident, u għalhekk għandu jagħmel tajjeb għad-danni li ġarrbu l-atturi;
2. tillikwida d-danni; u
3. tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati, flimkien mal-imgħax legali u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' mandati kawtelatorji maħruġa flimkien maċ-ċitazzjoni.

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-inċident ma seħħx bi ħtija tiegħu iżda bi ħtija tal-attur Alan Caruana; u
2. hu ma għandu ebda obbligu, "legali jew fattwali", lejn Ruth Caruana, u għalhekk għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju.

L-attur Alan Caruana u l-konvenut Daniel Bonnici kienu weħedhom meta seħħ l-inċident – Bonnici kien qiegħed isuq u Caruana kien riekeb wara; Caruana ma jiftakar xejn minn dak li ġara[1] u għalhekk ix-xiehda dwar kif seħħ l-inċident, barra x-xiehda taċ-ċirkostanzi, hija biss dik tal-konvenut.

Il-konvenut xehed kemm fl-inkjesta tal-maġistrat u kemm quddiem din il-qorti. Fl-inkjesta qal hekk:

Wasalna ħ'Attard u naf li jiena u għaddej f'daqqa waħda l-mutur skiddja. Naf li kienu ġejjin vetturi mill-faċċata, għafast għan-naħa tiegħi u l-mutur skiddja. Il-vetturi ta' faċċata kienu vettura qed taqla' oħra. Dik li kienet qed taqla' kienet qisu għan-nofs tat-triq, aktar però fuq in-naħa tiegħi.

Kieku ma skiddjajtx kont ngħaddi. Meta rajthom l-ewwel darba kont tul ta' xi xarabank 'il bogħod minnhom. Rajthom hekk kif taqbeż il-*lights* li hemm ftit qabel fejn ħbatt. Hemmhekk hemm kurva.[2]

Kompla jgħid illi kien qiegħed isuq b'veloċità ta' bejn erbgħin u ħamsa u erbgħin kilometru fis-siegħa (40-45 km/h).

---

[1] *Affidavit* ta' Alan Caruana maħluf fit-3 t'April 2001, *fol.* 20.

[2] *Fol.* 25.

Meta xehed quddiem il-qorti fis-26 t'April 2005 il-konvenut ta verżjoni kemmxejn differenti:

Aħna u telgħin lejn ir-Rabat, fejn hemm il-mini – il-mini mhux tal-Imrieħel, dawk ta' Regional Road – … … … Alan Caruana beda joqgħodli ħażin fuq il-mutur, mhux darba jiġifieri; konna se naqgħu xi darbtejn għax hu ma' kantuniera beda joqgħodli ħażin … … … u l-mutur jibqa' sejjer dritt; minflok idur jibqa' sejjer dritt il-mutur. U nsomma, darba minnhom waqaft, għidtlu "oqgħod sewwa għax inkella se jkolna xi *accident*", jew xi ħaġa hekk, u kellna *accident* jiġifieri mbagħad. Naf li kont qed insuq jien, u ma nafx jiġifieri x'ġara. Ma nafx jiġifieri kif u x'fatta. Naf żgur li ma kontx għaddej insuq[3]

Waqt li fl-ewwel verżjoni l-konvenut donnu ried jgħid illi tilef il-kontroll tal-mutur għax ra karrozza ġejja lejh 'il hawn min-nofs tat-triq, għafas 'il ġewwa u skiddja, bħallikieku nħasad għax ra karrozza ġejja lejh, fit-tieni verżjoni nesa dan kollu – qal li ma jafx x'ġara u nesa l-karrozza ġejja lejn u l-i*skid* tal-mutur – u donnu ried igħid illi fixklu Caruana stess għax beda jilgħab.

Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi ma tistax toqgħod wisq fuq ix-xiehda tal-konvenut, u jkollha tmur fuq ix-xiehda oġġettiva taċ-ċirkostanzi. Dawn iċ-ċirkostanzi, partikolarment it-tul tal-marka tat-tkaxkira tar-rota tal-mutur fuq il-wiċċ tat-triq – madwar tmienja u tletin metru (38m) – juru illi l-mutur kien għaddej b'veloċità ta' sew iżjed minn kemm qal il-konvenut, aktar u aktar meta tqis illi, minkejja dak it-tul kollu ta' tkaxkir fuq il-wiċċ tat-triq, il-mutur kellu *momentum* biżżejjed biex jirkeb il-bankina, jaħbat ma' arblu tad-dawl u jaqilgħu, u jkompli jitkaxkar madwar tnax-il metru ieħor.

Dan fil-fehma tal-qorti, huwa xiehda ta' veloċità eċċessiva.

Il-veloċità eċċessiva hija l-kawża tal-biċċa l-kbira tal-inċidenti tat-triq u, x'aktarx iva milli le, kienet il-kawża ta' dan l-inċident ukoll. Meta tqis ukoll illi l-mutur kien ġdid u fi stat tajjeb, u ma kellu xejn mekkaniku li seta' ħadem ħażin u fixkel lis-sewwieq, tiżdied il-probabbiltà li l-kawża ewlenija tal-inċident kienet il-veloċità żejda.

Wara li qieset dan kollu l-qorti hija tal-fehma illi l-konvenut kien qiegħed iġerri ħafna aktar milli kien għaqli, u x'aktarx

---

[3] *Fol.* 94.

iva milli le illi din il-veloċità kienet il-kawża tal-inċident. Għalhekk hija tal-fehma illi kien il-konvenut li, minħabba sewqan bla għaqal, jaħti għall-inċident.
Il-qorti għalhekk tilqa' l-ewwel talba tal-atturi, tgħid illi l-konvenut waħdu jaħti għall-inċident u għandu jwieġeb għad-danni, u tordna li jitkompla s-smigħ tal-kawża għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tad-danni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------